**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 219/2014**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**vs**

**SERGIO AGIUS**
**(ID: 232478 M)**

**Illum, 3 ta' Dicembru 2018**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **SERGIO AGIUS** detentur tal-karta ta l-identita' bin-numru 232478M tressaq quddiemha akkuzat talli f'Birzebbugia, bejn it-13 ta' Frar 2014 u l-14 ta' Frar 2014:

Wettaq serq ta' *container* bin-numru TEMU 2403485 mimli sigaretti minn gewwa l-Freeport f'Birzebbugia, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna, lok u valur, u li l-valur tieghu jaqbez il-mitejn u tnejn u tletin ewro u tnejn u disghin centezmu (€232.92);

Irrenda lilu nnifsu komplici ta' delitt, billi ta ghodod jew mezzi ohra li bihom sar id-delitt, meta kien jaf li kellhom jigu hekk wzati; jew billi xjentement

ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat;

U billi fuq talba tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana gie akkużat:

Talli fit-13 ta' Frar 2014, ġewwa l-*Malta Freeport Terminal,* bil-kompliċita' u/jew bil-ko-operazzjoni ta' persuna u/jew persuni oħra, xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam fit-twarrib, depożt, ħabi u ġarr ta' **madwar 450 kaxxa sigaretti bla-dazju**, kif deskritt hawn taħt, u dan bil-ħsieb li jiffroda lill-Gvern minn **dazji** u **taxxa** li jkun imisshom jitħallsu fuqhom:

450 Kaxxa b'10,000 sigarett kull kaxxa tal-marka **EMPIRE ROYALS.**

Dawn is-sigaretti għandhom valur totali ta'€130,500, Dazju tas-Sisa dovut €675,000, kif ukoll Dazju ta' Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) li jammontaw għal €75,168 u €158,520.24 rispettivament, fejn liema dazji u t-taxxa dovuta fuqhom ma kienux imħallsa jew kawtelati.

Il-merkanzija inkwestjoni ġiet importata f'Malta fit-2 ta' Frar 2014 mal-vapur MV CMA CGM VERDI bil-*container* TEMU 2403485.

Dan bi ksur tal-Artikli: 62 (a) (c) (e) (f) (g) (h) (i) (k), paragrafu (a) tal-Proviso tal-Artiklu 62, tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37, u kif ukoll tal-Artiklu 16 (1) (j) (n), tal-Kap 382, tal-Liġijiet ta' Malta.

Minħabba l-fatt li dawn is-sigaretti huma soġġetti wkoll għat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, għaldaqstant ngibdet l-attenzjoni dwar proċeduri oħra separati li jistgħu jittieħdu mid-Dipartiment konċernat fil-konfront ta' **SERGIO AGIUS**, ai termini tal-Att Dwar It-Taxxa Fuq Il-Valur Miżjud Kap 406, tal-Liġijiet ta' Malta.

Kif ukoll fuq talba tad-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, gie akkuzat talli:

Talli fit-13 ta' Frar 2014, ġewwa l-*Malta Freeport Terminal*, bil-kompliċita' u/jew bil-ko-operazzjoni ta' persuna u/jew persuni oħra, xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam fit-twarrib, depożt, ħabi u ġarr ta' **madwar 450 kaxxa sigaretti bla dazju**, kif deskritt hawn taħt, u dan bil-ħsieb li jiffroda lill-Gvern minn **dazji** u **taxxa** li jkun imisshom jitħallsu fuqhom:

450 Kaxxa b'10,000 sigarett kull kaxxa tal-marka **EMPIRE ROYALS**

Dawn is-sigaretti għandhom valur totali ta' €130,500, Dazju tas-Sisa dovut €675,000, kif ukoll Dazju ta' Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) li jammontaw għal €75,168 u €158,520.24 rispettivament, fejn liema dazji u t-taxxa dovuta fuqhom ma kienux imħallsa jew kawtelati.

Il-merkanzija inkwestjoni ġiet importata f'Malta fit-2 ta' Frar 2014 mal-vapur MV CMA CGM VERDI bil-*container* TEMU 2403485.

Reati u pieni: L-artikolu 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998).

Il-Qorti giet wkoll ġentilment mitluba sabiex f'kaz ta'sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkuzat għal ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri;

Il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-*Money Laundering*,

Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 13 ta' April 2015 permezz ta' liema baghat lill-imputat Sergio Agius biex jigi aggudikat minn din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 373(3)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif mahsub fis-segwenti dispozizzjonijiet tal-Ligi:-

a. Fl-artikoli 261(c)(d)(e), 267, 268(d), 279(b), 280(1) u 281(b) u l-artikoli 42, 43, 44, 45, 46, 47, u 48 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 62(a)(c)(e)(f)(g))h)(i)(k) u paragrafu (a) tal-proviso tal-artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta (Ordinanza tad-Dwana) u l-artikoli 42, 43, 44, 45, 46, 47, u 48 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. L-artikoli 16(1)(j)(n) tal-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar Dazju tas-Sisa) u l-artikoli 42, 43, 44, 45, 46, 47, u 48 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. L-artikolu 80 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u l-artikoli 42, 43, 44, 45, 46, 47, u 48 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-artikoli 17, 23, 23A, 31, 42, 43, 44, 45, 46, 47, u 48 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja[1];

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet moghti mis-Sinjorija Tieghu l-Onorevoli Prim'Imhallef fis-16 ta' Lulju 2018;

[1] 6 ta' Ottubru 2015, fol.279.

Rat it-traskrizzjonijiet tad-depozizzjonijiet tax-xhieda li xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta, u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat li giet ezentata milli terga' tisma' x-xhieda li kienu xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mill-Prosekuzzjoni[2] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva pprezentata mid-difiza[3];

Semghet it-trattazzjoni finali;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi giet awtorizzata mill-partijiet li tghaddi ghas-sentenza u rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**<u>Kunsiderazzjonijiet Preliminari dwar il-Provi</u>**

<u>L-Istqarrijiet tal-Imputat</u>

Fis-sottomissjonijiet taghha, id-difiza qanqlet il-kwistjoni tal-ammissibbilita` o meno taz-zewg stqarrijiet moghtija mill-imputat u li jinsabu esebiti fl-atti bhala Dok. RS3[4] u Dok. SR1[5] u dan minhabba li fiz-zmien meta ttiehdu dawn l-istqarrijiet, l-imputat, allura suspettat, ma kellux dritt ghal assistenza legali waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija u effettivament f'dan il-kaz l-istqarrijiet

---

[2] 26 ta' April 2018.

[3] 5 ta' Novembru 2018.

[4] Fol. 12 *et seq.* datata 28 ta' Frar 2014.

[5] Fol. 53 *et seq.*, datata 21 ta' Frar 2014.

ittiehdu minghand l-imputat mhux biss minghajr il-presenza u assistenza ta' avukat izda minghajr lanqas ma nghatalu d-dritt li jaghzel li jkollu din l-assistenza legali.

Il-gurisprudenza l-aktar recenti tal-Qorti Kostituzzjonali fosthom is-sentenzi fl-ismijiet **Gordi Felice vs Avukat Generali**[6] u **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[7], moghtija fuq l-iskorta ta' diversi decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, pacifikatament tirritjeni li r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat mal-Artikolu 6(3)(c) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta jitlob li jkun hemm dritt ghall-assistenza legali f'kull stadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Fil-kaz deciz recentement mill-Qorti Ewropeja fl-ismijiet **Fazli Kaya vs Turkey**[8], gie ribadit illi jkun hemm lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq meta l-akkuzat ma jkollux jedd ghall-assistenza tal-avukat matul l-interrogazzjoni ghaliex il-ligi tal-pajjiz ma tkunx tippermetti din l-assistenza.

In propositu, fil-kaz **Dayanan vs Turkey**[9], il-Qorti Ewropea kienet irriteniet awtorevolment illi:-

*"31. The Court is of the view that the fairness of criminal proceedings under Article 6 of the Convention requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal assistance from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention.*

*32. In accordance with the generally recognised international norms, which the Court accepts and which form the framework for its case-law, an accused person is entitled, as soon as he or she is taken into custody, to be assisted by a lawyer, and not only while being questioned (for the relevant international legal materials see Salduz, cited above, §§ 37-44). … … …*

6 Deciza fis-27 ta' Novembru 2017.

7 Deciza fil-5 ta' Ottubru 2018.

8 Appl. No. 24820/05, deciz 17/09/2015.

9 Appl. No. 7377/03 deciz 13/10/2009.

*33. In the present case it is not disputed that the applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see Salduz, cited above, §§ 27 and 28). A systematic restriction of this kind, on the basis of the relevant statutory provisions, is sufficient in itself for a violation of Article 6 to be found, notwithstanding the fact that the applicant remained silent when questioned in police custody."* (sottolinejar tal-Qorti)

Illi meta ghalhekk il-ligi taghna eskludiet il-jedd ghall-assistenza legali waqt l-interrogazzjoni mill-Pulizija billi, fiz-zmien li ttiehdu l-istqarrijiet minghand l-imputat odjern fis-sena 2014, ma kienx hemm disposizzjoni *ad hoc* li jinghata dan il-jedd lil persuna arrestata jew suspettata, is-salvagwardji necessarji kontra l-periklu li ssehh lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tal-persuna akkuzata, kienu mankanti. Il-Qorti tqis illi dan jghodd ukoll fil-kaz odjern minkejja li ma jirrizultax li saret xi dikjarazzjoni inkriminanti fl-istqarrijiet moghtija mill-imputat. Hija wkoll tal-fehma illi kull haga li jkun intqal jew ma jkunx intqal waqt l-interrogazzjoni li tkun saret minghajr ma jkun inghata d-dritt ghall-assistenza legali waqt l-istess interrogazzjoni, billi kien hemm mankanti s-salvagwardji kontra r-riskju ta' intralc tad-dritt ghal smigh xieraq, ma tistax tiqies li hija ammissibbli bhala prova valida fil-proceduri kriminali li jkunu eventwalment ittiehdu kontra l-istess persuna.

Fil-kawza odjerna, mehud qies tal-konsiderazzjonijiet hawn maghmula, il-Qorti tqis li jkun ghaqli li sabiex jigi evitat li l-proceduri odjerni jigu kompromessi b'xi forma ta' irregolarita` li tista' twassal ghall-ksur tad-dritt tal-imputat ghal smigh xieraq, m'hijiex sejra taghmel uzu miz-zewg stqarrijiet tal-imputat meta tigi biex tqis il-provi migjuba f'dawn il-proceduri.

Xhieda ta' Sandra Rachel Agius

Il-Qorti taqbel ukoll mas-sottomissjoni li ghamlet id-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha illi x-xhieda guramentata ta' mart l-imputat, Sandra

Rachel Agius moghtija quddiem l-espert tekniku Dr. Martin Bajada fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali, hija inammissibbli stante illi ngiebet bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 635(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa evidenti li l-imsemmija xhud - bhala l-konjugi tal-imputat - ma setghetx tingieb xhieda favur jew kontra l-istess imputat ghaliex ma jikkonkorru l-ebda wahda mic-cirkostanzi kontemplati fis-subparagrafi (a) sa (c) tal-istess Artikolu 635(1). Il-Qorti zzid ukoll illi lanqas m'hi sejra tieħu konjizzjoni tad-dikjarazzjoni maghmula mill-istess Sandra Rachel Agius datata 21 ta' Frar 2014 esebita bhala parti mir-rapport Dok. MB ghaliex oltre ghall-konsiderazzjonijiet appena maghmulin dwar l-inammissibbilita` tat-testimonjanza ta' mart l-imputat, din ix-xhud ma ngabitx, u lanqas setghet tingieb biex tixhed f'din il-kawza ghall-fini ta' kontroll dwar il-verzjoni ta' fatti minnha moghtija fl-imsemmija dikjarazzjoni.

Konsegwentement l-istqarrijiet tal-imputat u x-xhieda ta' martu Sandra Rachel Agius ghandhom u sejrin jigu mwarrba fil-qies tal-provi mressqa mill-prosekuzzjoni.

<u>Xhieda tal-Ispettur Rennie Stivala</u>

Id-difiza sostniet ukoll illi t-testimonjanza tal-Ispettur Rennie Stivala, li investiga dan il-kaz u mexxa wkoll il-Prosekuzzjoni quddiem il-Qorti f'dawn il-proceduri, dwar dak li rrizultalu mill-investigazzjonijiet li ghamel dwar is-serq tal-container in kwistjoni, ma tikkostitwixxix prova hlief ghal dak li qallu direttament l-imputat fl-istqarrijiet tieghu. Il-Qorti, fir-rigward, taghmel referenza ghad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 599 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li gew rezi applikabbli ghall-qrati ta' kompetenza kriminali bis-sahha ta' tal-Artikolu 645 tal-Kapitolu 9, liema Artikolu jaghmilha car illi:-

**599.** *"Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih*

*innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu*;"

Filwaqt illi ghalhekk, taqbel ma' dak sottomess mid-difiza dwar il-valur probatorju tat-testimonjanza tal-istess xhud l-Ispettur Rennie Stivala in kwantu din tikkoncerna r-rizultanzi tal-investigazzjonijiet li ghamel dwar dan il-kaz, il-Qorti hija tal-fehma li dik il-parti tat-testimonjanza tieghu fejn jirrakkonta dak li qallu l-imputat waqt l-interrogazzjoni, ghandha titqies bhala prova li l-imputat ikun qal dak il-kliem lix-xhud. Il-Qorti tqis ulterjorment li t-testimonjanza tal-Ispettur Stivala tikkostitwixxi prova anke fejn ix-xhud jaghmel referenza ghall-fatti percepiti direttament minnu meta kien prezenti ghall-ftuh tal-container wara li dan rega' ddahhal gewwa l-Freeport fl-14 ta' Frar 2014; ghal dak li qalulu l-persuni li maghhom tkellem fil-kors tal-investigazzjoni[10]; u ghall-filmati li ra huwa stess mis-CCTV cameras tal-Freeport fejn gie konstatat mill-istess xhud li l-container in kwistjoni nhareg mill-Freeport fit-13 ta' Frar 2014 fl-1632hrs u deher rega' diehel l-ghada fl-14 ta' Frar 2014 fil-0558hrs ta' filghodu minghajr ma twaqqaf. Konformament, il-Qorti sejra tiehu qies ta' u taghti d-debitu piz lil dawn l-imsemmija aspetti tad-depozizzjoni tal-Ispettur Rennie Stivala.

## L-EWWEL U T-TIENI IMPUTAZZJONI

Illi l-imputat qieghed jigi mixli sew bhala awtur kif ukoll b'komplicita` fis-serq tal-container bin-numru TEMU 2403485 li allegatament sehh bejn it-13 u l-14 ta' Frar 2014 minn gewwa l-Freeport Terminal, Birzebbuga, liema serq qed jigi allegat li huwa kwalifikat bil-persuna, lok u valur, liema valur jeccedi s-somma ta' €232.93.

[10] Fosthom Stephen Calleja u Lawrence Farrugia, li xehdu wkoll quddiem il-Qorti.

Infatti fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju, l-Avukat Generali baghat lill-imputat sabiex jigi aggudikat minn din il-Qorti taht l-Artikoli 261(c)(d)(e), 267, 268(d), 269(d), 279(b), 280(1) u 281(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta bhala awtur tad-delitt ta' serq aggravat, u a tenur tal-Artikoli 42, 43, 44, 45, 46, 47 u 48 tal-istess Kapitolu 9 bhala komplici fl-istess delitt.

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi akkwiziti, inkluz it-testimonjanza tad-diversi xiehda li ddeponew f'din il-kawza, izda minghajr referenza ghar-rizultanzi tal-istqarrijiet tal-imputat u tax-xhieda u dikjarazzjoni ta' martu Sandra Rachel Agius, il-Qorti taghmel is-segwenti konstatazzjonijiet fattwali:-

Fiz-zmien tal-allegat serq, l-imputat kien impjegat mal-Malta Freeport Terminals Limited. Fit-12 u 13 ta' Frar 2014 l-imputat ma dahalx ghax-xoghol u nghata jumejn *sick leave* minhabba li kellu spalltu tugghu[11]. Ma jirrizultax mill-provi jekk l-imputat dahalx ghax-xoghol o meno fl-14 ta' Frar 2014.

Mix-xhieda tal-iSpettur Rennie Stivala ikkorroboat minn Alex Montebello, Director of Operations ta' Malta Freeport Terminals Limited, jirrizulta li kien hemm *transhipment* container li kien mimzum gewwa l-Freeport fuq ordnijiet tal-ufficjali tad-Dwana biex isiru xi investigazzjonijiet dwaru, u li fit-13 ta' Frar 2014 fl-1632hrs minn gewwa l-Malta Freeport Terminal ("il-Freeport"), dan inhareg mill-Freeport minghajr awtorizzazzjoni. L-istess Alex Montebello xehed illi dan il-container, billi kien *on customs hold* ma setax jinhareg minn gol-Freeport jew jitlaq minn Malta sakemm ikun inghata

[11] Vide certifikat mediku datat 12 ta' Frar 2014, u xhieda tat-Tabib Dr. Christopher Zarb fis-17 ta' Ottubru 2014.

*clearance* mid-Dwana u sadanittat il-container kien qieghed jinzamm gewwa l-Freeport.

Jirrizulta ulterjorment mix-xhieda kif ukoll mill-filmati tac-CCTV formanti parti mir-rapport ta' Dr. Martin Bajaga (Dok. MB) illi fit-13 ta' Frar 2014 ghall-habta tal-4.00 jew l-4.30 p.m. il-container TEMU2403485 tghabba b'reach stacker[12] fuq trakk bit-trailer li sussegwentement hareg minn gol-Freeport minghajr ma gie mwaqqaf. Fir-rigward, huwa stabbilit ukoll mill-provi li ghall-habta tat-3.30 p.m. mill-main gate tal-Freeport kien dahal trakk b'container biex jinhatt, liema trakk kien misjuq minn certu Rocco Agius li kellu passiggier mieghu fit-trakk li ntgharaf bhala l-imputat Sergio Agius. Id-delivery clerk Lawrence Farrugia xehed li Rocco Agius tah pass biex jinghata *clearance* biex ihott il-container vojt gol-Freeport, u x-xhud ipprocessah. Wara ftit tal-hin, anke kif gie osservat mill-filmati tas-CCTV fiz-zoni relattivi tal-Freeport (Dok. MB), deher reach stacker li kien qed jigi operat minn persuna li ntgharfet li setghet kienet l-imputat Sergio Agius[13], li kien qed jghabbi container minn gewwa z-zona XD49[14], ghal fuq trakk b'kabina bajda. Ghalkemm inghataw struzzjonijiet mill-ufficjali tal-Freeport biex it-trakk li ghabba dan il-container jigi mwaqqaf biex ma johrogx mill-Freeport, jirrizulta li dan baqa' hiereg mill-gate ftit tal-hin wara minghajr ma twaqqaf. Jirrizulta wkoll, u lanqas ma huwa kontestat, li dan l-istess container rega' ddahhal u nstab gewwa l-Freeport l-ghada filghodu fl-14 ta' Frar 2014.

Mix-xhieda tal-Ispettur Rennie Stivala jirrizulta ulterjorment li l-Pulizija giet infurmata bis-serq tal-container u s-sejbien tieghu, b'rapport li sar minn Alex Montebello fl-14 ta' Frar 2014 ghall-habta tal-11.30 a.m., u nfethet Inkjesta Magisterjali dwar il-kaz. Mill-provi huwa stabbilit ulterjorment li meta dan il-

---

12 Mix-xhieda jirrizulta li reach stacker huwa lifter li jidhol taht il-krejnijiet biex jghabbi l-containers wiehed wiehed.

13 Ara xhieda ta' Stephen Calleja, 25 ta' April 2014.

14 Ir-referenza hija wkoll ghal XC49.

container infetah fil-presenza *inter alia* tal-Pulizija u tal-esperti mahturin mill-Magistrat Inkwirenti, instab li go fih kien hemm sitt tankijiet tal-ilma tal-1000 litru, liema tankijiet jidhru mir-ritratti formanti parti mir-rapport tas-Scene of the Crime Officers[15] (Dok. FSL).

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti, biex waslet ghall-imsemmija konstatazzjonijiet, ghamlet referenza ghat-testimonjanza tad-diversi xiehda li ddeponew f'din il-kawza u sejra tirriproduci l-partijiet saljenti mit-testimonjanza relevanti:-

**Alex Montebello** xehed illi huwa gie infurmat fit-13 ta' Frar 2014 li kien hemm container nieqes u ma kienux jafu x'sar minnu. L-ghada fil-ghodu fl-14 ta' Frar 2014, l-IT Manager tal-Freeport, Jesmond Baldacchino, infurmah li kien hemm recordings li juru l-moviment ta' dan il-container mill-pozizzjoni fejn kien originarjament, kif ukoll lil dan l-istess container hiereg mill-gate tal-Freeport. Jispjega li dan kien *transhipment* container u ghalhekk qatt ma messu hareg mill-gate tal-Freeport ghaliex kien inhatt minn vapur u kellu jitghabba fuq vapur iehor fl-istess Freeport. Alex Montebello ikkonferma wkoll li dan il-container kien *on hold* fuq ordni tad-Dwana ghaliex kienu qed isiru investigazzjonijiet dwaru u kellu bzonn *clearance* qabel jitlaq mill-Freeport.

Ix-xhud ra l-filmati tas-CCTV flimkien mal-IT Manager Jesmond Baldacchino u mill-footage ikkonferma li "*kien hemm abbuz fuq dan il-container*". Jghid li l-container kien tas-CMA CGM, rapprezentat f'Malta minn Carmelo Caruana. Ikkonferma wkoll li l-Freeport hija responsabbli ghall-container ghax kien depozitat ghandhom.

---

[15] PS 239 Joseph Caruana u PS 404 Paul Camilleri; esebit fis-17 ta' Ottubru 2014.

**Stephen Calleja** xehed fil-25 ta' April 2014 u spjega illi fit-13 ta' Frar 2014 is-Supervisor John Mercieca qallu li kien hemm trakk abjad li kien qed jghabbi container permezz ta' *reach stacker*, u qallu wkoll li kien talab lill-Yard Supervisor - li dakinhar kien Claude Borg - biex jinforma lid-Delivery Clerk Lawrence Farrugia biex jekk jigi t-trakk biex johrog mill-gates, iwaqqfu. L-istess Stephen Calleja xehed li l-ghada filghodu 14 ta' Frar 2014 talab lil Martin Darmanin, responsabbli mill-cameras fil-Freeport, biex jara isibx footage ta' dan it-trakk. Ix-xhud ra l-footage fit-18 ta' Frar 2014 flimkien ma' Jesmond Baldacchino l-IT Manager, u qal li huwa gharaf lill-imputat mill-karnaggjon u l-mixja tieghu – *"jiena deherli li seta' kien Sergio Agius li fil-fatt huwa l-imputat odjern. Huwa operator il-Freeport".* [Enfasi tal-Qorti]

Ix-xhud kompla jispjega kif huwa gie informat ghall-habta tat-8.30 a.m. fl-14 ta' Frar 2014 li l-container instab gewwa location D93 gewwa l-Freeport, cioe` f'zona differenti minn fejn kien orginarajment.

**Oliver Tanti** xehed li insteraq container u illi lill-operatur tal-RGD li kien irrapporta li kien hemm container li kien iccaqlaq minn postu, staqsih ghall-container number u kien identifikalu n-numru ta' dan il-container. Mis-sistema, ix-xhud iddetermina li l-container in kwistjoni kien mizmum mid-Dwana ta' Malta u mhux suppost kellu jigi mahdum jew jinqabad b'ebda tip ta' *equipment*. Ghalkemm huwa ta struzzjonijiet biex dan il-container jinstab, ma kienx instab gewwa l-Freeport, izda kien instab l-ghada filghodu fil-bitha tal-Freeport.

**Lawrence Farrugia** xehed illi dak iz-zmien kien jahdem bhala *delivery clerk* fil-Freeport, u fl-13 ta' Frar 2014 kien xoghol fil-kamra minn fejn jghaddu t-trakkijiet. Qal li fit-3.30p.m. dahal:-

"*trakk numru 90 li kien qed jigi misjuq minn persuna maghrufa bil-laqam ta' Rokky. U dana tani pass tal-container vojt bil-ghan li jhottu gol-Freeport. ...*

*… … Waqt li kont qed nipprocessa din il-karta nnotajt illi fil-gabina kien hemm persuna ohra li kienet liebsa beritta skura u nuccali tax-xemx iswed u mix-xebh tieghu donni dehrli li kont diga` naf minn hi din il-persuna. Fil-fatt, hsibt li seta' kien il-persuba ta' Sergio li huwa n-neputi tar-Rokky. Fil-fatt nghid li huwa l-imputat odjern li qed nindika lill-Qorti. Bdjet innotajt li ghalkemm kont naf min hu dan Sergio ghaliex kien jahdem gewwa t-terminal dakunhar qiesu ma riedx kliem u beda jdawwar wiccu. Jien pero` ma tajtx kas u komplejt niccajta ma' Rokky tant li anki sahansitra urejtu xi ritratt li kelli fuq il-mobile…."* [enfasi tal-Qorti]

Aktar tard dakinhar ghall-habta tal-4.00 pm jew l-4.30 p.m., ix-xhud ircieva telefonata minghand John Mercieca (Equipment Control) li qallu li kien ircieva rapport minghand RTG75 li kien ra l-istacker 67 jghabbi kaxxa mill-XD49. Il-container, skont ix-xhud Lawrence Farrugia, tghabba mill-XC49 2 Bravo:-

*"Jien dak il-hin tlabtu n-numru tal-container … u skond l-informazzjoni li telghat fuq il-kompjuter dan il-container qatt ma kellu jitghabba fuq l-ebda trakk u dan ghaliex kien mizmum mid-Dwana bir-rimarka CMU hold. Jiena dak il-hin li kont qed nitkellem mas-Sur John Mercieca rajt container tiela' minn barra t-triq tal-Freeport u dan bil-prefix TEMU, dan tfisser li jkun diga` hareg minn gol-gate u jkun ghadda mid-Dwana wkoll. Dak il-hin tlaqt it-telefon fuq il-mejda, hrigt insaffar barra biex it-trakk jieqaf cio nono stante baqa' sejjer. Min kien qed isuq dan it-trakk pero ma nafx. Jiena indikajt dan it-trakk bhala numru 90, il-kulur tieghu kien abjad u kellu xi tberfila blu."*

L-istess xhud Lawrence Farrugia kompla jixhed li huwa rega' kien xoghol l-ghada l-14 ta' Frar 2014 mis-6.00 a.m. sas-2.00 p.m u xehed li ghal-habta tas-5.50a.m. waqt li kien sejjer lejn l-ufficcju tieghu biex jigbor ic-cwievet innota "*trakk gej b'velocita` kbira minn got-triq ta' barra l-Freeport fejn dan waqaf mal-gate u baqa' diehel b'velocita` qawwija.*"

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza wkoll ghax-xhieda guramentata moghtija mill-istess xhud Lawrence Farrugia quddiem l-espert Dr. Martin Bajada fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali, liema xhieda tifforma parti mir-Relazzjoni minnu pprezentata quddiem il-Qorti (Dok. MB), fejn dan ix-xhud oltre li kien xehed

f'iktar dettall dwar il-fatti li ddepona dwarhom quddiem il-Qorti, iddikjara li minkejja li s-*security officers* kienu infurmawh li ma kien hareg ebda trakk bil-container in kwistjoni mill-gate fit-13 ta' Frar 2014, huwa kien cert li t-trakk li dahal fit-terminal misjuq minn Rokky Agius, kien it-trakk bin-numru 90. L-istess xhud osserva ulterjorment li t-trakk li baqa' diehel mill-gate tal-Freeport fl-14 ta' Frar 2014 ghal got-terminal b'velocita` kbira: *"... kien l-istess trakk li kont rajt u pprovajt inwaqqaf il-gurnata ta' qabel."*

**<u>John Mercieca</u>** li huwa *Equipment and Control Supervisor* fil-Freeport xehed illi huwa kien xoghol fit-13 ta' Frar 2014 mis-2.30 p.m. sal-10.30 p.m. u illi dakinhar kienet grat xi haga mhux tas-soltu fil-Freeport. Huwa spjega illi l-iskrivan tieghu Lawrence Farrugia gie infurmat minn wiehed mill-operaturi tal-krejnijiet li jahdem fil-bitha, illi kien hemm container qed jigi mghobbi fuq trakk abjad. Meta dan l-operatur gharraf lix-xhud bin-numru tal-container li kien qed jitghabba, l-imsemmi Lawrence Farrugia ikkonferma lix-xhud li dan il-container kien *on hold* jigifieri mhux suppost li kellu jitghabba u ghalhekk, ix-xhud gharraf lis-supervisor tal-bitha, Claude Borg, li kien qed jitghabba container li ma kellux jitghabba sabiex imur fil-bitha jivverifika dak li kien qed isehh.

Dan l-istess xhud John Mercieca meta xehed fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali (Dok. MB)[16], ikkonferma li Albert Aquilina, l-operatur tal-RTG, infurmah li n-numru tal-container li huwa ra li kien qed jigi mghobbi fuq it-trakk abjad bil-lifter 67, kien TEMU2403485.

Jghid ukoll li dak il-hin cempillu l-imsemmi Lawrence Farrugia biex jghidlu li dak il-container mhux suppost johrog u li kien ser icempel lis-Security. Ix-xhud talab lill-manager tieghu Stephen Calleja ghal iktar direzzjoni u ntalab jinforma lid-Duty Manager Oliver Tanti, u ghalhekk kien baghat e-mail lill-

[16] 21 ta' Frar 2014.

imsemmi Stephen Calleja kif ukoll lil Oliver Tanti dwar dak li kien gara u sussegwentement baghat ukoll rapport.

Ix-xhud qal ukoll li l-ghada l-14 ta' Frar 2014 huwa dahal ghax-xoghol kmieni filghodu u Stephen Calleja qallu li l-Pulizija kienu involuti fl-investigazzjoni dwar dan il-container.

**Claude Borg** ikkonferma illi fit-13 ta' Frar 2014 ghall-habta tal-4.30 pm jew 4.45p.m. ircieva messagg bir-radio minghand John Mercieca u gie infurmat li kien hemm xi lifter li ghabba container u ntalab jivverifika jekk dan kienx moviment regolari. Dak il-hin ix-xhud mar fiz-zona fejn kien jinstab dan il-lifter u l-operatur li kien hemm informah li l-container tghabba fuq truck u telaq 'l hemm. Inghata n-numru tal-container izda dan ma nstabx u ra li l-lifter li gie nnotat jghabbi dan il-container kien ipparkjat quddiem il-canteen. Ghalkemm ix-xhud jghid li rrapporta dak li gara lid-Duty Manager tieghu Oliver Tanti u baqa' jinvestiga x'seta' sar minn dan il-container, il-container baqa' ma nstabx.

**Martin Darmanin** xehed li fl-14 ta' Frar 2018 intalab minn John Mercieca jara xi clips mehuda bil-video tal-parking zona tal-lifters u xi video clips tal-main gate specifikatament biex jara l-lifter numru 67 kienx iccaqlaq mill-parking zona. Huwa ra dawn il-clips u ra li xi hadd kien tela' fuq dan il-lifter u kien qed jinnavika fis-switch board, saq u telaq 'l hemm. Ix-xhud qal li ma setax jidentifika din il-persuna min kienet, izda nnota li l-persuna kienet tidher li ma kienetx imdorrija tuza l-lifter. Fit-tieni video clip huwa ra l-main gate u, mistoqsi jaghti attenzjoni ghal trakk abjad ta' burdnar hiereg mill-gate, innota dan it-trakk abjad tiela' ghall-main gate u waqaf hdejn l-office tad-dwana u wara ftit hareg 'il barra minn gol-gate. Jispjega li t-trakk kellu kabina bajda u ma kienx wiehed tal-Freeport, izda kellu container fuqu liema container ma

setax jidentifika n-numru tieghu. Huwa rrekordja l-films fuq DVD u ghaddih lil Stephen Calleja.

**Jesmond Baldacchino**, l-IT Manager tal-Freeport gie ordnat fit-13 ta' Frar 2014 jippreserva l-filmati tas-CCTV u l-ghada filghodu hekk ghamel u ghamel ukoll kopja taghhom. Huwa ra dawn il-filmati li gew mehudin minn 90 camera differenti u segwa movimenti partikolari minn camera ghal camera. Huwa segwa specifikatament trailer bil-passiggier li dahal gewwa l-facilita`, li mar go zona partikolari u gie mghobbi container fuqu bl-lifter maghruf bhala reach stacker. Ikompli jghid li huwa ra din il-vettura hierga mill-facilita` u segwiha, u ra wkoll li l-ghada filghodu kmieni din l-istess vettura regghet dahlet iggorr container – kienet container-handling truck - u harget wara ftit minuti. Huwa ma gharaf lil hadd f'dawn il-filmati u jghid li xogholu kien li jaghmel backup tal-*footage* u jghaddih lill-espert mahtur fl-Inkjesta Magisterjali, Dr. Martin Bajada, li kkonferma l-awtencitita` tal-istess backup.

Hawnhekk il-Qorti tissenjala illi hija fliet il-filmati kollha formanti parti mir-relazzjoni tal-espert mahtur fl-Inkjesta Magisterjali u kkonstatat *de visu* it-trakk abjad IHQ-065 bil-kliem b'kulur blu "Agius Bros" miktub fuq il-genb tal-kabina diehel b'container tal-lewn blu ghall-habta tal-1530h gewwa l-Freeport, liema trakk gie debitament imwaqqaf fl-entry gate, u rat ukoll l-istess trakk IHQ-065 rega' hiereg ghall-habta tal-1630h minghajr qalja gie mwaqqaf mis-security fl-entry gate, mghobbi did-darba bil-container TEMU 2403485[17]. Il-Qorti osservat ukoll mill-filmati l-istess trakk IHQ-065 diehel ghall-habta tal-0555h gewwa l-Freeport l-ghada 14 ta' Frar 2014[18], precizament skont kif xehed Lawrence Farrugia, mghobbi bl-istess container TEMU2403485, kif ukoll hiereg bit-trailer vojt ftit tal-hin wara[19].

---

[17] "Jesmond CCTV" 2.2014.13.2 (1630h – 1645h) [fuq Dok. CCTV1 Other Footage].

[18] "Truck – In", parti minn Dok. CCTV1.

[19] Ghall-habta ta' 0612h ("Truck – Out") – parti minn Dok. CCTV1 (Other Footage).

**Elementi tar-Reat ta' Serq**

Minkejja dawn il-konstatazzjonijiet appena maghmulin, il-Qorti trid tistabbilixxi jekk fil-kwadru ta' dawn il-fatti jikkonfigura r-reat ta' serq.

Id-difiza ssostni illi sabiex tista' tinsab htija ghar-reat ta' serq, kull element tar-reat ta' serq irid jigi ppruvat mill-prosekuzzjoni sal-grad rikjest mil-ligi. Issostni wkoll illi f'dan il-kaz, il-prova tas-sid jew sidien tal-allegat res furtiva hija mankanti ghaliex hadd ma gie prodott biex jikkonferma li nsteraq oggett proprjeta` tieghu. Inoltre, gie sottomess li lanqas saret il-prova nnifisha tal-oggett allegatament misruq, cioe` l-kontenut tal-container li allegatament kien 450 kaxxa tas-sigaretti tad-ditta Empire Royals. Id-difiza tissottometti ulterjorment illi dwar il-container innifsu, ghalkemm jirrizulta li dan kien mikri ghand is-socjeta` CMA-CGM, din ma ghamlet ebda rapport li l-container gie misruq u l-fatt illi l-container rega' tpogga f'postu wara ftit sighat, ixejjen l-element formali tar-reat cioe` li dan ikun sar bl-iskop ta' lukru.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti taqbel illi, kif sottomess mill-partijiet, il-Kodici Kriminali ma taghti ebda definizzjoni tar-reat ta' serq izda l-elementi essenzjali sabiex jissussisti r-reat ta' serq huma ben stabbiliti bhala dawk provenjenti mill-insenjament tal-gurista Taljan Carrara. Il-Professur Sir Anthony Mamo jghallem li:-

*"... our courts have generally speaking adopted the definition of the crime given by Carrara i.e. la contrectatio dolosa della cosa altrui, fatta invito domino con animo fi farne lucro."*

Jehtieg ghalhekk li jigi stabbilit jekk fil-kaz odjern hemmx prova tal-konkorrenza tal-elementi kollha formali u materjali tar-reat. Dwar l-elementi materjali tar-reat, dawn jikkonsistu (i) fil-kontrattazzjoni ta' haga (ii) ta' haddiehor (iii) kontra l-volonta` tieghu.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda billi tosserva li fis-sottomissjonijiet li ghamel l-imputat in sostenn tan-nuqqas ta' prova tal-oggett allegatament misruq u tas-sid tar-res furtiva, huwa jirreferi biss ghall-kontenut tal-container u ftit li xejn jaghmel accenn ghas-serq tal-container TEMU2403485 innifsu.

**Dwar is-Serq tal-Container TEMU2403485**

Minghajr ma tidhol f'dan l-istadju f'analizi tal-provi li tressqu relattivament mas-serq tal-kontenut tal-container, ghaliex dan ser jigi mistharreg separatament, il-Qorti tqis li mill-atti jirrizulta manifestament illi l-container bin-numru TEMU2403485 - minghajr qies tal-kontenut tieghu - insteraq mill-Freeport fit-13 ta' Frar 2014, u fir-rigward taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

Fir-rigward il-prova tal-oggett misruq, il-Qorti tibda billi tosserva li jirrizulta sodisfacjentement ippruvat illi l-container bin-numru TEMU2403485 mertu tal-addebitu ta' serq fl-ewwel imputazzjoni huwa l-istess container imsemmi fix-xhieda[20] hawn fuq riprodotta li gie rapportat li nsteraq mill-Freeport u li jidher ukoll fil-filmati formanti parti minn Dok. MB[21] u fuq kollox fir-ritratti formanti parti minn Dok. FSL[22] li ttiehdu hekk kif infetah il-container in kwistjoni wara li dan rega' ddahhal u nstab fil-Freeport fl-14 ta' Frar 2014. Dawn il-provi lkoll jorbtu l-container imsemmi fix-xhieda, mal-container mertu tal-ewwel imputazzjoni u mal-container imsemmi fil-korrispondenza

[20] Ghalkemm huwa John Mercieca biss li indika n-numru tal-container [TEMU2403485], u dan fix-xhieda tieghu fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali.

[21] Senjatament mill-filmati kontenuti fid-DVD Dok. CCTV1 (Other Footage).

[22] Rapport tas-Scene of the Crime Officers li nhatru fl-Inkjesta Magisterjali.

esebita minn Derek Ali, rapprezentanti tal-kumpannija CMA-CGM li ghandha kienet mikrija dan il-container.

Mid-depozizzjonijiet tax-xhieda fuq citati, gie manifestament ippruvat – kwantu wkoll ghall-element tal-kontrattazzjoni - li dan il-container iccaqlaq mill-post fejn kien qed jinzamm depozitat mal-Malta Freeport Terminals pendenti investigazzjonijiet li kienu ghaddejjin dwaru[23] u addirittura inhareg minn gewwa l-Freeport b'mod irregolari u minghajr awtorizzazzjoni ta' min kien qed jiddetjeni dan il-container. Infatti, il-filmati juru lit-trakk IHQ-065 hiereg barra mill-Freeport fit-13 ta' Frar 2014 ghall-habta tal-1630h bil-container TEMU2403485 mghobbi fuqu.

Mill-provi[24] jirrizulta ulterjorment illi l-container rega' nstab gewwa l-Freeport l-ghada li nsteraq, cioe` fl-14 ta' Frar 2014, <u>izda f'zona differenti minn fejn kien orginarjament mizmum</u>, cioe` f'zona XD49. Mix-xhieda ta' Stephen Calleja jirrizulta li meta rega' ddahhal gewwa l-Freeport fl-14 ta' Frar 2014, dan l-istess container instab fiz-zona D93. Dwar dan il-kaz infethet Inkjesta Magisterjali u mix-xhieda jirrizulta li l-container TEMU2403485 infetah fil-presenza tal-Pulizija kif ukoll ta' Derek Ali u Maria Ellul in rapprezentanza ta' Carmelo Caruana Limited u ta' xi ufficjali tad-Dwana[25], u l-process ta' ftuh kif ukoll il-kontenut tal-container gie fotografat minn membri tas-SOCO mahturin mill-Magistrat Inkwirenti.

Konformament, tqis li mhux siewja s-sottomissjoni tad-difiza li hemm nieqes f'dan il-kaz, il-prova dwar l-oggett tas-serq in kwantu ghall-container innfisu.

Rigward imbaghad il-kontenzjoni tad-difiza li m'hemmx prova tas-sid tal-container u ghalhekk ma jistax jigi rravvizat l-element tal-kontrattazzjoni tal-

[23] Ara xhieda ta' Alex Montebello, 2 ta' Gunju 2014 u Lawrence Farrugia, 25 ta' April 2014.

[24] Xhieda tal-Ispettur Rennie Stivala, Stephen Calleja u Oliver Tanti, kif ukoll rapport Dok. FSL.

[25] Vide xhieda tal-Ispettr Rennie Stivala u pagna 2 ta' Dok. FSL.

haga ta' haddiehor kontra l-volonta` tas-sid, il-Qorti tqis illi din ukoll m'hijiex tajba.

Mid-depozizzjoni ta' Derek Ali, *general manager* tal-kumpannija CMA-CGM kif rapprezentata gewwa Malta, jirrizulta li dan il-container huwa proprjeta` ta' kumpannija bl-isem Textainer izda kien mikri lill-kumpannija CMA-CGM sa mis-sena 2011. Ix-xhud esebixxa *certificate of ownership* tal-container TEMU2403485 mahrug mill-kumpannija Textainer, fejn il-valur tal-istess container gie indikat fit-18 ta' Settembru 2014 fis-somma ta' $2462.50. Derek Ali esebixxa wkoll sensiela ta' emails (fol. 179 sa 182) li minnhom jirrizulta illi l-kumpannija CMA-CGM kienet infurmata li l-container TEMU2403485 kien gie misruq u sussegwentement ritornat u li kienu qed isiru investigazzjonijiet mill-Pulizija dwar dan. Mill-provi mressqa u li gia` saret referenza ghalihom, huwa stabbilit li din is-serqa giet rapportata lill-Pulizija mill-ufficjali tal-Freeport stess[26] meta l-container rega' nstab fil-Freeport fl-14 ta' Frar 2014 filghodu, l-ghada li gie rapportat nieqes.

Huwa minnu li ma jirrizultax illi kienet il-kumpannija CMA-CGM li rrapportat is-serq tal-container, u huwa minnu wkoll li ma jirrizultax li sar rapport mis-sid tal-container cioe` s-socjeta` Textania jew minn min baghat jew kellu jircievi l-container u/jew il-kontenut tieghu. Fil-fatt, l-Ispettur Rennie Stivala kkonferma fix-xhieda tieghu li ma sar ebda rapport dwar is-serqa tal-container minn min baghat is-shipment jew minn min kellu jircievi x-*shipment* fl-istess container. Ma jidhrix lanqas li s-socjeta` CMA-CGM li ghandha kien mikri u kienet ukoll responsabbili ghat-*transhipment* tal-container, soffriet xi telf materjali minhabba s-serq tal-containier wara li dan effettivament rega' ddahhal fil-Freeport.

[26] Xhieda tal-Ispettur Rennie Stivala (18 ta' Marzu 2014) u xhieda ta' Alex Montebello (2 ta' Gunju 2014).

Madanakollu, il-Qorti hija tal-fehma li dan ma jnehhi xejn mill-fatt li f'dan il-kaz jirrizulta ppruvat sodisfacjentement min kien is-sid tal-container, min kellu l-pussess formali tieghu u ghand min kien fizikament depozitat l-istess container meta nsteraq. Tqis ukoll fir-rigward illi l-fatt li dan il-container gie ritornat il-gurnata ta' wara, u l-fatt li seta' ma naqas jew ma nsteraq xejn mill-kontenut tal-istess container, huwa immaterjali ghall-finijiet tar-reita` ta' dan id-delitt partikolari.

Fuq kollox, il-Qorti tosserva li apparti li jirrizulta s-socjeta` CMA-CGM kienet infurmata bil-movimenti suspettuzi tal-container tant illi rapprezentant tal-istess socjeta` kien prezenti meta nfetah il-container fl-14 ta' Frar 2014 gewwa l-Freeport[27], is-serq twettaq ghad-detriment ukoll tal-Malta Freeport Terminals Limited li ghandha kien jinsab depozitat il-container in kwistjoni u li effettivament irrapportat hija stess is-serq tal-istess container lill-Pulizija. Il-Qorti, anke in vista tax-xhieda ta' Alex Montebello[28], tifhem illi l-Malta Freeport Terminals Limited kienet responsabbli ghall-container bhala depozitarju *de facto* tieghu talanqas ghaz-zmien kollu li l-istess container kellu jibqa' mimzum fil-*premises* taghha sakemm dan jitlaq minn Malta, u konsegwentement kellha kull interess li jigi rapportat ic-caqliq irregolari kif ukoll is-serq tal-istess container - indipendentement u irrispettivament mis-serq tal-kontenut tal-istess container.

In propositu, jinsab ritenut mill-Antolisei illi l-parti leza tar-reat ta' serq mhux dejjem ikun il-proprjetarju tal-oggett misruq li huwa, ghaliex il-vera vittma fil-fatt huwa min jippossjedi il-haga misruqa, u dan jista' jkun xi haddiehor u mhux necessarjament is-sid. Fir-rigward inghad illi:-

"… *l'oggetto specifico della tutela penale nel furto e` il possesso e non gia` la proprieta`. A riprova di cio`, la giurisprudenza ha indivduato il soggetto*

[27] Ara xhieda tal-Ispettur Rennie Stivala u rapport Dok. FSL.

[28] Seduta 2 ta' Gunju 2014.

*passivo del reato in esame, non nel proprietario ma nel possessore che, oltre al potere di fatto sulla cosa, abbia la coscienza e volonta` di detenere l'oggetto materiale.*"[29]

Il-Qorti hija tal-fehma illi l-korollarju inevitabbli tal-fatti appena stabbiliti u debitament ippruvati, huwa illi gew sodisfatti l-elementi kollha materjali tar-reat in kwantu ghas-serq tal-container innifsu.

Ikkunsidrat;

Illi d-difiza tikkontendi wkoll li huwa nieqes l-element formali tar-reat, cioe` li l-oggett insteraq ghall-iskop ta' lukru.

Il-Qorti tosserva li l-guristi Taljani[30] huma konkordi li ghall-prova ta' dan l-element formali tar-reat, irid jintwera li l-att illecitu jkun sar bid-*dolo* specifiku cioe` bil-konoxxenza u volonta` tal-agent li jakkwista xi vantagg ghalih jew ghal haddiehor:-

*"... nella nozione di profitto rientre qualsiasi utilita` o sodisfazione, anche puramente morale, che l'agente intenda ricavare dall'impossessamento della cosa."*[31]

Kif gia` nghad, il-fatt illi l-container "*rega' tpogga f'postu wara ftit sighat*", kif issostni d-difiza, ma jnaqqas xejn mill-elementi materjali u lanqas dawk formali kostituttivi tar-reat, ghaliex huwa pacifiku fil-gurisprudenza li r-reat ta' serq huwa kkonsmat u jissussisti fl-elementi kollha tieghu fil-mument illi "*la cosa fosse anche spostata dal luogo in cui originariamente si trovava.*[32]", irrispettivament mir-ritorn o meno tar-res furtiva, ossia r-ritorn jew is-sejba

[29] Diritto Penale – L. Delpino, XI Edizione (1996)
[30] Manzini, Maggiore u Antolisei.
[31] Corte di Cassazione, 9 ta' Ottubru 1980. Dan l-insenjament huwa abbaraccjat ukoll mill-Professur Sir A. Mamo [Notes on Criminal Law, 1958, Vol. II).
[32] Carrara (*Teoria dell'amotio)* – citata f'Diritto Penale (L. Delpino), Parte I, p. 816.

tal-istess container l-ghada gewwa l-Freeport. Ghalhekk ma ghandhiex mis-sewwa s-sottomissjoni tal-imputat li r-ritorn tal-container wara ftit sighat ifisser li dan ma setax ittiehed bi skop ta' lukru u li b'hekk huwa eskluz l-element formali tar-reat. Wara kollox, gie ritenut in propositu mill-Corte di Cassazione Taljana illi:-

"*Risponde di furto consumato e non semplicement e tentato chi, dopo essersi impossessato della refurtiva non sia ancora allontanato dal luogo della sottrazione e abbia esercitato sulla cosa un potere del tutto momentaneo essendo stato costretto ad abbandonarla subito dopo il fatto per il pronto intervenuto dell'avente diritto o della polizia.*[33]"

*Multo magis* allura fil-kaz odjern, fejn jirrizulta ampjament ipprovat illi l-container mhux talli iccaqlaq mill-post fejn kien qed jinzamm pendenti l-ezitu ta' xi investigazzjonijiet li kienu ghaddejjin dwaru, talli inhareg minn gol-properjeta` tal-Freeport. F'kull kaz, gie stabbilit ukoll mill-provi illi l-container, meta nstab fl-14 ta' Frar 2014, ma regghex instab fil-post fejn originarjament kien qed jinzamm cioe` XD49, izda nstab f'post differenti. Bla dubju, ir-ritorn tar-res furtiva jista' jkun relevanti ghall-fini ta' possibbli temperament tal-piena a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 337(2) tal-Kapitolu 9, izda mhux ghaliex ixejjen jew inaqqas b'xi mod mill-element formali tar-reat.

Fil-gabra ta' dawn il-fatti u konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li huwa sodisfacjentement ippruvat l-addebitu fl-ewwel akkuza li nsteraq il-container bin-numru TEMU2403485.

**<u>Dwar is-Serq tal-Kontenut tal-Container</u>**

[33] Corte di Cassazione, 18 ta' Awwissu 1993.

Illi l-imputat qieghed jigi mixli li huwa seraq jew kien komplici fis-serq tal-"*container TEMY2403485 mimli sigaretti*". Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-imputat, meta jsostni li l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova talanqas tlieta mill-elementi kardinali tar-reat ta' serq, jaghmel enfasi specifika fuq in-nuqqas ta' prova dwar l-oggett allegatament misruq minn gewwa l-container, cioe` il-kontenut tal-container. Jissottometti wkoll li lanqas ma tressqet prova li tistabbilixxi min hu l-proprjetarju tal-kontenut tal-container.

Dwar dan il-Qorti immedjatament tosserva li l-imputat ghandu ragun. L-allegazzjoni – kif jidher mix-xhieda tal-Ispettur Rennie Stivala kif ukoll fil-*letters to prosecute* mahrugin mill-Kontrollur tad-Dwana u l-Kontrollur tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud – hija illi meta l-container TEMU 2403485 wasal Malta u saritlu tfittxija mill-ufficjali tad-Dwana, instab li dan kien fih madwar 450 kaxxi tas-sigaretti tad-ditta Empire Royals, li allegatament insterqu meta l-container in kwistjoni nhareg illegalment minn gol-Freeport. Il-korollarju necessarju ta' dan huwa li l-imputat qed jigi mixli bis-serq tal-container <u>kif ukoll</u> bis-serq ta' dawn is-sigaretti.

Huwa minnu li fir-rapport Dok. FSL, ikkonfermat bil-gurament ta' PS 239 Joseph Farrugia u PS 404 Paul Camilleri[34] huwa indikat li s-sigilli li kienu tpoggew mis-sezzjoni tad-Dwana qabel il-container insteraq, kienu neqsin. Madanakollu, l-unika prova mressqa mill-prosekuzzjoni dwar il-kontenut tal-container meta dan insteraq, tinsab biss fix-xhieda tal-Ispettur Rennie Stivala u fl-imsemmija *letters to prosecute*. Il-Qorti tqis li hija f'lokha s-sottomissjoni tad-difiza li din ix-xhieda ma hijiex siewja ghall-fini ta' prova fil-grad mehtieg fi proceduri penali, ghaliex jirrizulta li filwaqt li l-ufficjal prosekutur, fir-rigward, xehed biss dwar dak li rrizultalu mill-investigazzjonijiet li ghamel, <u>ebda ufficjal tad-Dwana ma tressaq biex jixhed f'dawn il-proceduri dwar il-ftuh u tfittxija ta' dan il-container u dwar il-kontenut li nsab fih meta saret din</u>

[34] Fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru 2014.

it-tfittxija. B'hekk, ix-xhieda tal-Ispettur Rennie Stivala li f'dan il-container instabet konsenja ta' madwar 450 kaxxi tas-sigaretti tad-ditta Empire Royals, ma gietx sostanzjata sodisfacjentement[35]. Effettivament, jigi osservat li ebda persuna kwalsiasi li kienet prezenti meta f'xi data saret it-tfittixija tal-container u meta l-istess container gie allegatament sigillat mill-ufficjali tad-Dwana, ma xehdet f'dawn il-proceduri u lanqas ma gie esebit xi rapport jew elenku li jiddokumenta r-rizultanzi ta' din it-tfittxija fid-data meta allegatament saret.

L-imsemmija *letters to prosecute* ma jikkostitwixxux prova ta' dak li nstab fil-container meta dan infetah, ahseb u ara meta dan insteraq fit-13 ta' Frar 2014, u lanqas ma tikkostitwixxi prova tal-kontenut tal-container ix-xhieda ta' Mario Abela u Marco Borg[36]. Dan ghaliex ma jirrizultax li huma kienu prezenti meta saret it-tfittxija tal-kontenut tal-container meta dan wasal Malta jew meta dan gie allegatament ssigillat u ghalhekk meta xehdu dwar l-ammont ta' sigaretti li ma thallasx dazju, sisa u taxxa fuqhom, xehdu dwar haga li ma gietx percepita minnhom direttament.

In propositu, il-Qorti tinnota wkoll li ghalkemm l-Ispettur Stivala xehed li l-container in kwistjoni dahal Malta fil-5 jew s-6 ta' Jannar 2014 bil-konsenja tas-sigaretti li qed jigi allegat li nsteraq sussegwentement, fil-*letters to prosecute* kif ukoll fl-akkuzi, id-data tal-importazzjoni gewwa Malta tal-merkanzija fil-container in kwistjoni, hija indikata bhala t-2 ta' Frar 2014. Barra minn hekk, ma ngabitx prova dwar id-data preciza meta effettivament dan il-container infetah mill-ufficjali tad-Dwana biex jigi spezzjonat, meta instabet il-konsenja tas-sigaretti, jew meta allegatament il-container gie sigillat pendenti l-investigazzjonijiet li kienu qed isiru mill-istess ufficjali tad-Dwana.

[35] Ix-xhud Alex Montebello xehed li l-ufficjali tal-Malta Freeport Terminals ma jkunux jafu x'inhu l-kontenut tal-container.
[36] Seduta 17 ta' Ottubru 2014.

Ghall-Qorti dan kollu jfisser li c-*chain of evidence* li twassal biex turi li l-kontenut tal-container kif stabbilit mill-ispezzjoni li allegatament saret mill-ufficjali tad-Dwana, huwa l-istess kontenut tal-container meta dan insteraq, huwa dghajjef wisq biex twassal lill-Qorti ghall-konvinciment morali li l-imputat huwa hati li seraq container mimli sigaretti.

Fin-nuqqas, ghalhekk, ta' evidenza li tissostanzja x-xhieda tal-Ispettur Stivala li, *ut sic*, il-Qorti taqbel li ma ghandhiex il-valur probatorju mehtieg biex twassal ghall-konvinciment morali dwar il-prova tal-oggett allegatament misruq, ossia s-serq ta' container mimli sigaretti, il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ma pprovatx li f'dan il-container kien hemm sigaretti, wisq anqas 450 kaxxi tas-sigaretti.  Konformament, fin-nuqqas ukoll ta' provi li juru x'kien fih dan il-container <u>fid-data meta dan insteraq, cioe` fit-13 ta' Frar 2014</u>, il-Qorti ma tqisx li tista' tinstab htija ghall-addebitu tas-serq ta' container mimli sigaretti, wisq anqas ta' 450 kaxxa ta' sigaretti.  Stabbilit dan, il-Qorti ma tqisx li huwa mehtieg li tittratta jekk tressqitx il-prova dwar l-identita` tas-sid jew il-pussessur tal-kontenut tal-container.

Ghaldaqstant, ghall-addebitu ta' serq fl-ewwel akkuza, l-imputat, jekk tirrizulta ppruvata l-htija tieghu bhala awtur jew komplici fir-reat li bih gie mixli, ma jista' qatt jinsab hati ghas-serq tal-kontenut tal-container ghaliex ma saret ebda prova sal-grad li trid il-ligi dwar x'kien hemm fil-container meta dan insteraq, cioe` x'inhuwa l-oggett effettivament misruq u lanqas x'gie misruq minn go fih.  Ghalhekk, jekk hemm htija, din tista' tinsab biss ghas-serq tal-container TEMU2403485.

## <u>L-Involviment tal-Imputat fis-Serq tal-Container</u>

Stabbilita l-konkorrenza tal-elementi kardinali kollha tar-reat ta' serq tal-container TEMU2403485 kif addebitat fl-ewwel imputazzjoni, u stabbilit

ukoll li ghall-finijiet tal-istess imputazzjoni gie debitament ippruvat li bejn it-13 u l-14 ta' Frar 2014 il-container TEMU2403485 insteraq mill-Freeport f'Birzebbuga, jehtieg li jigi ezaminat jekk giex ippruvat sal-grad li trid il-Ligi l-htija tal-imputat Sergio Agius ghal dan id-delitt bhala l-awtur jew, skont kif gie mixli fit-tieni akkuza, bhala komplici f'dan id-delitt.

Il-Qorti tibda biex taghmel referenza ghad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 467(2) tal-Kodici Kriminali li jipprovdu illi:-

*"Meta ma jiġix ippruvat li l-akkużat, jew xi wieħed mill-akkużati, kien l-awtur jew wieħed mill-awturi tar-reat miġjub fl-att tal-akkuża, iżda jiġi ippruvat li kien kompliċi jew li jkun ħati ta' kospirazzjoni għall-għemil ta' dak ir-reat, il-ġuri jista' jiddikjara l-akkużat ħati bħala kompliċi f'dak ir-reat jew ħati ta' kospirazzjoni għall-għemil ta' dak ir-reat; reċiprokament, meta persuna tkun akkużata, fl-att tal-akkuża, b'kompliċità f'reat il-ġuri jista' jiddikjara lil dik il-persuna ħatja ta' kospirazzjoni għall-għemil ta' dak ir-reat jew ħatja bħala l-awtur, jew wieħed mill-awturi, ta' dak ir-reat … … …"* [37]

Kif tajjeb sottomess mid-difiza fit-trattazzjoni, l-imputat qed jigi mixli sew bhala awtur tad-delitt kif ukoll bhala komplici, izda tkompli ssostni illi f'dan il-kaz ma tistax tinsab ir-reita' fl-imputat la bhala awtur ghall-finijiet tal-ewwel imputazzjoni, u lanqas bhala komplici fis-serq tal-container skont it-tieni akkuza, ghaliex mill-atti processwali ma hemm l-ebda prova li tista' torbot l-att materjali tas-serq mal-persuna tal-imputat, oltre l-fatt illi gie sottomess li l-provi kontra l-imputat huma kollha cirkostanzjali. Id-difiza ssostni wkoll li ma ngabet ebda prova li tressqu terzi persuni in konnessjoni mal-akkuzi li jinsab mixli bihom l-imputat.

Ikkunsidrat;

---

[37] Bis-sahha tal-Artikolu 525(3) tal-Kap.9, id-dispożizzjonijiet *inter alia* tas-subartikoli (2) sa (4), it-tnejn inklużi, tal-Artikoli 467 għandhom, *mutatis mutandis*, igħoddu wkoll għall-Qorti tal-Maġistrati fil-każijiet ta' kompetenza tagħha bħala qorti ta' ġudikatura kriminali taħt xi dispożizzjoniet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra.

Il-Qorti tibda billi tosserva illi mill-kumpless tal-provi, jirrizulta bl-iktar mod manifest illi dan id-delitt ma giex kommess minn persuna li agixxiet wahedha, izda kien hemm l-involviment ta' mill-inqas zewg persuni. Jirrizulta wkoll li tressqu diversi persuni b'rabta ma' din is-serqa u dan skont kif jidher mid-dikjarazzjoni tal-Ispettur Rennie Stivala fl-atti tal-proces-verbal[38] fejn fit-13 ta' Marzu 2014 talab li l-Inkjesta Magisterjali tinghalaq minhabba li tressqu s-segwenti persuni:- Rokko Agius [I.D., 597660M][39], Amabile sive Bill Grech, Michael Sciberras, Carmelo Agius u l-imputat Sergio Agius. Madanakollu, ma hemm ebda prova dwar l-akkuzi li bihom gew mixlija l-imsemmija persuni ghajr ghall-imputat u Carmelo Agius.

Fil-fehma tal-Qorti, dan huwa bizzejjed biex teskludi lill-imputat bhala l-awtur tad-delitt, kif ukoll bhala ko-awtur, stante illi filwaqt li l-imputat ma giex mixli f'dawn il-proceduri flimkien ma' ohrajn, lanqas hemm ebda prova li tressqet terza persuna <u>bl-istess imputazzjonijiet u addebiti</u> li jinsab mixli bihom l-imputat. Minn dan isegwi wkoll li l-Artikolu 467(3)[40] citat mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju m'huwiex relevanti ghal dan il-kaz.

Il-Qorti sejra ghalhekk tikkonsidra jekk hemmx provi sufficjenti biex iwassluha ghall-konvinciment morali li l-imputat jista' jinstab hati ta' <u>komplicita`</u> fir-reat mertu tal-ewwel akkuza, u dan ghall-fini tat-tieni akkuza.

---

[38] Dok. Z, a fol. 8 tal-proces-verbal.

[39] Dan huwa l-istess numru tal-Karta tal-Identita` tal-persuna ta' Rocco Agius li mill-pussess tieghu gie elevat it-telefon cellulari bin-numru tal-linja 99464195 li rcieva t-telefonati minghand in-numru 99443993 tal-imputat gewwa l-area tal-Benghajsa bejn l-4.15 u 4.30 pm fit-13 ta' Frar 2014.

[40] 467(3) : *"Meta tnejn min-nies jew aktar ikunu akkużati bħala awturi ta' reat u jiġi ippruvat li dan ir-reat sar minn wieħed minnhom jew aktar, iżda ma jiġix ippruvat minn liema wieħed jew uħud minnhom, il-ġuri jista' jiddikjara lill-akkużati kollha ħatjin bħala kompliċi fir-reat, jekk ikun ġie ippruvat li lkoll ħadu fir-reat parti biżżejjed biex tagħmilhom kompliċi."*

Huwa minnu li bosta mill-provi, ghajr ghall-gharfien tal-imputat mix-xhud Lawrence Farrugia bhala l-passiggier fit-trakk li ghabba fuqu l-container meta dan insteraq, u mix-xhud Stephen Calleja bhala l-persuna li kien qed jopera r-reach stacker biex jghabbi l-container fuq l-istess trakk, huma fin-natura ta' evidenza cirkostanzjali.

Ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji hafna drabi huma jgorru iktar piz mill-provi diretti, madanakollu huwa risaput li l-provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar cirkospezzjoni milli jitqiesu l-provi diretti sabiex iwasslu ghall-certezza ta' univocita`. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Lee Borg**[41], kien gie ritenut li sabiex tista' twassal ghal prova ta' htija, evidenza cirkostanzjali ghandha tkun univoka, konsistenti f'indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat biss – u hadd iktar - mar-reat u li juru li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih.

Kif gie ritenut ukoll fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Mejju, 1961, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**:-

*"Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika."*

Il-*Blackstone*[42], b'referenza ghall-kaz ta' **DPP v. Kilbourne**[43], jiddeskrivi hekk il-funzjoni ta' evidenza cirkostanzjali f'kawzi penali:-

*"Circumstantial evidence 'works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities'… … …"*

Ikompli:-

*"Pollock CB, likening circumstantial evidence to a rope comprised of several cords, said: 'One strand of the cord might be insuffi cient to sustain the*

[41] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, 15 ta' Gunju 1998.

[42] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed., Vol. 1, p. 2335

[43] *DPP v Kilbourne* [1973] AC 729 per Lord Simon at p. 758.

*weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence — there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction, or more than a mere suspicion; but the whole, taken together, may create a strong conclusion of guilt, that is, with as much certainty as human affairs can require or admit of.' (Exall (1866) 4 F & F 922, at p. 929.)*

*However, although circumstantial evidence may sometimes be conclusive, it must always be narrowly examined, if only because it may be fabricated to cast suspicion on another. For this reason, it has been said that: 'It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference' (Teper v The Queen [1952] AC 480, per Lord Normand at p. 489). Nonetheless, there is no requirement, in cases in which the prosecution's case is based on circumstantial evidence, that the judge direct the jury to acquit unless they are sure that the facts proved are not only consistent with guilt but also inconsistent with any other reasonable conclusion (McGreevy v DPP [1973] 1 WLR 276)."*[44]

Din hija l-istess pozizzjoni mhaddna mill-Qrati taghna u, applikati dawn il-principji ghar-rizultanzi tal-provi fl-atti ta' din il-kawza, il-Qorti sejra taghmel is-segwenti konstatazzjonijiet fattwali u konsiderazzjonijiet relattivi.

Ikkunsidrat;

Jirrizulta li l-Pulizija intercettat it-trakk bin-numru 90 u bin-numru ta' registrazzjoni IHQ-065 bhala parti mill-investigazzjonijiet taghhom dwar din is-serqa. Mir-ritratt formanti parti mir-rapport tas-Scene of the Crime Officers esebit fl-atti (Dok. FSL), kif ukoll kif jidher manifestament fil-filmati formanti parti mir-relazzjoni Dok. MB, dan it-trakk huwa l-istess trakk li gie deskritt mix-xhieda senjatament mix-xhud Lawrence Farrugia[45] u li ghabba fuqu l-container TEMU2403485 u hareg bih minn gol-Freeport[46]. Dan huwa evidenti

[44] Vol. 1, p. 2336.

[45] Xhieda tal-25 ta' April 2014, citata *supra*.

[46] Filmat 2014.02.13 (1537h – 1540h) – "Truck – In", formanti parti minn Dok. CCTV1 (Other Footage).

mill-kliem li jidher stampat bil-kulur blu ("Agius Bros") fuq il-genb tal-kabina tat-trakk, kif ukoll min-numru 90 li jidher fuq il-windscreen tat-trakk[47].

Ferm il-premess, il-Qorti ma ghandha ebda diffikolta` biex tikkonkludi illi t-trakk deskritt minn Lawrence Farrugia u t-trakk identifikat mill-Pulizija fl-investigazzjonijiet taghha, huwa l-istess trakk li jidher li dahal fil-Freeport fit-13 ta' Frar 2014 li x-xhud Lawrence Farrugia qal li kien misjuq minn certu Rocco Agius u li fih gharaf bhala passiggier lill-imputat Sergio Agius, u kif ukoll l-istess trakk li x-xhud ra diehel l-ghada filghodu gewwa l-Freeport b'velocita` kbira. In vista wkoll tat-testimonjanza ta' Jesmond Baldacchino, li wkoll gharaf l-istess trakk u l-movimenti kollha tieghu mill-footage elevat mill-cameras tal-Freeport[48], diehel u hiereg il-Freeport fit-13 ta' Frar kif ukoll fl-14 ta' Frar 2014, il-Qorti ma ghandha ebda ezitazzjoni lanqas li tqis li t-trakk li dahal fil-Freeport fit-13 ta' Frar 2014 misjuq minn Rocco Agius, kif deskritt minn Lawrence Farrugia, huwa l-istess trakk bit-trailer li gie jidher mill-footage tas-CCTV cameras[49] mhux biss diehel fil-Freeport, izda wkoll jghabbi l-container TEMU2403485 fuqu bil-lifter u hiereg mill-Freeport, imbaghad diehel l-ghada filghodu 14 ta' Frar 2014 u hiereg wara ftit tal-hin.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda tal-Ispettur Rennie Stivala li kkonfema li l-imputat kien qallu waqt l-istqarrija tieghu illi huwa ma rrapportax ghax-xoghol fit-12 ta' Frar 2014 u 13 ta' Frar 2014 ghaliex kien bis-*sick leave* u f'dan il-jumejn huwa baqa' ma ccaqlaqx mid-dar. L-imputat joqghod Hal Qormi. Din il-verzjoni hija sostanzjata minn John Visonich, *Personnel Officer* gewwa l-Freeport, li xehed illi l-imputat fl-imsemmija zewg dati kien bis-*sick*

[47] Ghalkemm il-kliem "Agius Bros" juri li dan it-trakk kien operat mid-ditta Agius Bros, il-Qorti tosserva li baqghet qatt ma saret il-prova ta' min huwa s-sid registrat ta' din il-vettura.
[48] Formanti parti minn Dok. MB.
[49] Dok. OTH fir-rapport Dok. MB.

*leave* u ma dahalx ghax-xoghol. Ix-xhud esebixxa c-certifikat mediku rilaxxat mit-Tabib tal-kumpannija, Dr. Christoper Zarb[50], li wkoll ikkonferma fix-xhieda tieghu li huwa hareg l-imsemmi certifikat fit-12 ta' Frar 2014 ghaliex l-imputat kellu spalltu tugghu.

F'dan l-isfond, il-Qorti tifhem li l-imputat jichad li huwa kien fiz-zona tal-Freeport fit-13 ta' Frar 2014. Madanakollu, huwa evidenti li din il-verzjoni tinsab kontradetta mill-provi, u senjatament izda mhux limitatament mit-testimonjanza ta' Marisa Gauci u Lawrence Farrugia, liema testimonjanza tqieghed lill-imputat gewwa l-Freeport fl-istess gurnata li nsteraq il-container cioe` fit-13 ta' Frar 2014.

Fir-rigward, Marisa Gauci rapprezentant tal-Vodafone, xehdet illi fit-13 ta' Frar 2014 saru zewg telefonati - fil-16.17.55hrs u fil-16.28.29hrs minn gewwa l-Benghajsa - min-numru tat-telefon cellulari tal-imputat Sergio Agius (99443993) lin-numru tat-telefon cellulari ta' Rocco Agius (99464195), it-tnejn registrati mal-imsemmija socjeta`. Il-Qorti hawnhekk tosserva li t-telephones cellulari li gew elevati mill-pussess tal-imputat kif ukoll minn Rocco Agius u li kellhom, rispettivament, l-istess numru tal-linja indikat mix-xhud Marisa Gauci, kienu gew ezaminati mill-espert tekniku Dr. Martin Bajada. L-istess espert, fil-konkluzjonijiet tar-rapport tieghu Dok. MB, ukoll ikkonferma illi saru t-telefonati msemmija mix-xhud Marisa Gauci.

Jirrizulta inoltre li l-hinijiet li fihom saru t-telefonati fuq imsemmija mit-telefon cellulari tal-imputat lin-numru tat-telefon ta' Rocco Agius, jikkombaccjaw perfettament mal-hin meta Lawrence Farrugia u John Mercieca jixhdu li huma gew infurmati li l-container in kwistjoni gie osservat li qed jitghabba fuq trakk tal-burdnara b'kabina bajda. Huwa stabbilit mill-provi li l-container gie osservat li kien qed jiccaqlaq b'mod mhux

[50] Fol. 161.

regolamentari mir-reach stacker 69 f'area XD49 tal-Freeport fil-hin ta' bejn l-4.15 pm u 4.45p.m., filwaqt li t-trakk misjuq minn Rocco Agius dahal mill-gate tal-Freeport ghall-habta tat-3.30 p.m. Mid-dokumenti esebiti mill-imsemmija xhud Marisa Gauci[51], jirrizulta ulterjorment li dawn it-telefonati nqabdu mic-cellola tal-Benghajsa li, skont kif ikkonfermat mix-xhud Mario Cordina, tkopri l-zona tal-Freeport.

Kif inghad, mill-*proces-verbal* redatt mill-Magistrat Inkwirenti (Dok. Z), jirrizulta li Rocco Agius bil-karta tal-identita` numru 597660M, tressaq quddiem il-Qorti akkuzat in konnessjoni ma' dan il-kaz u fil-fehma tal-Qorti huwa ppruvat sodisfacjentement illi din il-persuna hija l-istess Rocco Agius li ghandu n-numru tat-telefon 99464195 li lilu saru t-telefonati[52] mill-imputat fil-hin li nsteraq il-container minn gol-Freeport, u li ntgharaf ukoll minn Lawrence Farrugia bhala s-sewwieq tat-trakk numru 90 li dahal gewwa l-Freeport fit-13 ta' Frar 2014 flimkien ma' passiggier li l-istess xhud gharaf bhala l-imputat.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Din il-verzjoni tal-imputat tkompli titlef mill-kredibbilita` taghha meta jittiehed qies tal-fatt illi l-impront digitali tas-suba' tac-curkett ta' id ix-xellugija tieghu, gie identifikat fuq wiehed mit-tankijiet tal-ilma li nstabu fil-container in kwistjoni meta dan infetah wara li gie rega' ddahhal fil-Freeport l-ghada tas-serqa, fl-14 ta' Frar 2014.

Fir-rigward, l-espert mahtura mill-Qorti, Nathalie Zammit, xehdet[53] illi hija kienet hadet l-impronti digitali u l-marki tal-pala tal-idejn tal-imputat fuq ordni

---

[51] Dok. X u Dok. Y, fol. 146 u 147.

[52] Mir-rapport Dok. MB, jirrizutla li t-telefon cellulari ta' Rocco Agius bil-karta tal-identita` numru 597660M, gie elevat u ezaminat mill-espert tekniku.

[53] Seduta tas-17 ta' Marzu 2015.

tal-Qorti (Dok. NZ) u wara li qabblithom mal-lifters li gew elevati mix-xena tad-delitt minn PS 404, ikkonfermat illi l-lifter Dok. 14AMB304 taqbel mas-saba' tac-curkett ta' id ix-xellugija tal-imputat. Din ix-xhieda u r-rizultanzi tal-ezami li ghamlet l-imsemmija espert ma gew ikkontestati b'ebda mod mill-imputat.

Il-Qorti fir-rigward tirreferi ghas-segwenti osservazzjonijiet maghmula mill-*Blackstone*[54]:-

*"Properly presented fingerprint evidence may provide sufficient identification, even if unsupported by other evidence, but the accused must be linked to the relevant prints by admissible evidence ( Chappell v DPP (1988) 89 Cr App R 82). In Buckley (1999) 163 JP 561, Rose LJ said: 'Fingerprint evidence, like any other evidence, is admissible . . . if it tends to prove the guilt of the accused ...'".*

Izda, fis-sentenza moghtija 30 ta' Gunju 1998 fil-kawza fl-ismiijiet **Il-Pulizja vs. Emanuel Camilleri** gie anke ritenut illi:-

*"... ... ... hemm kazijiet fejn il-prova tal-fingerprints wahedha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza*".

F'dan il-kaz, l-identifikazzjoni mill-espert nominata mill-Qorti, tal-impront digitali tal-imputat bhala wiehed mill-impronti li nstabu fuq il-kontenut tal-container fl-14 ta' Frar 2014, saret minghajr ebda rizervi kwalsiasi[55].

Il-Qorti tqis li l-presenza tal-impront tal-imputat fuq il-kontenut tal-container li kien misruq, hija prova indizzjarja li turi b'certezza li l-imputat <u>kellu kuntatt mal-kontenut tal-container</u> li gie misruq, izda hija wkoll tal-fehma illi wahdu ma twassalx ghall-prova li l-imputat <u>kien involut fis-serq tal-istess container</u> u biex jista' jwassal ghall-konkluzjoni li l-imputat kien komplici fis-serq tal-

---

[54] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed., Vol. 1 . p. 2706.

[55] *"A. Illi l-impronta li tidher fuq il-lifter document 14 AMB304, taqbel mas-saba' tac-curkett tal-id ix-xellugija ta' Sergio Agius, numru tal-karta tal-identita` 232478M."* – Dok. NZ a fol. 258

container li fih instab l-istess impront digitali, jenhtieg korroborazzjoni minn provi testimonjali jew cirkostanzjali ohra. Dak li ghandha tiddetermina l-Qorti hi jekk, fl-isfond tal-kaz kollu, il-post u c-cirkostanzi li fihom instab dan l-impront digitali tal-imputat, jirrizultax lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dak l-istess impront sar waqt xi partecipazzjoni mill-imputat, fir-reat tas-serq tal-container[56].

Id-difiza tissottometti li l-impront digitali tal-imputat ma nstabx fuq ir-res furtiva izda fuq oggett li m'huwiex il-mertu tal-kawza, u kwindi ma tistax titqies bhala prova konklussiva tal-partecipazzjoni tieghu fir-reat ta' serq. Ferm il-konsiderazzjonijiet gia` maghmula in propositu, il-Qorti taqbel li wahdu dan l-impront digitali m'huwiex konklussiv tal-involviment tal-imputat, izda fl-istess hin lanqas tista' twarrab il-fatt li dan instab fuq oggett li ghalkemm m'huwiex ir-res furtiva nnifsu, instab <u>gewwa l-oggett tas-serqa</u> ossia gewwa l-container li kien insteraq.

Issa kif diga` stabbilit, dan il-container kien mizmum gewwa l-Freeport fuq struzzjonijiet tad-Dwana, u ma setax jinhareg minn gol-Freeport jew minn goz-zona fejn kien qed jinzamm, qabel tinghata customs clearance. Gie ppruvat ukoll li l-container inhareg mill-Freeport minghajr awtorizzazzjoni mill-ufficjali tal-Freeport u li gie effettivament misruq. Maghdud dan, jirrizulta mir-rapport Dok. FSL li meta l-container rega' nstab l-ghada fil-Freeport u nfetah fil-presenza ta' diversi persuni bhala parti mill-Inkjesta Magisterjali, gie osservat li s-sigilli originali li kienu tqieghdu fuq il-container qabel dan instab fl-14 ta' Frar 2014, kienu neqsin u kienu tpoggew sigilli ohrajn minflok uhud minnhom[57].

---

[56] Ara wkoll: **Il-Pulizija vs Noel Frendo** – deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Dicembru 2004.

[57] Dok. FSL.

Huwa palezi li l-imputat ma ta l-ebda spjegazzjoni kwalsiasi ta' kif impront tas-saba' tac-curkett ta' idu x-xellugija thalla proprju fuq wiehed mit-tankijiet li nstabu meta dan infetah wara li rega' ddahhal fil-Freeport l-ghada tas-serqa, fl-14 ta' Frar 2014, gewwa l-container TEMU2403485, meta ma jirrizultax li l-imputat kellu xi interess ahseb u ara il-permess biex jiftah jew xi raguni ohra ghalfejn jersaq lejn, dak il-container. Lanqas ma ntwera li kien hemm xi konnessjoni legittima bejn l-imputat u l-container jew il-kontenut tieghu u, b'mod generali, m'hemm ebda prova ohra li tista' teghleb il-prova maghmula bit-testimonjanza tax-xhieda tad-diversi ufficjali tal-Freeport li xehdu f'din il-kawza li meta nsteraq il-contanier, dan kien mizmum gewwa l-Freeport fuq struzzjonijiet tad-Dwana u ma kienx permess li jsir xi caqliq ta' dan il-container.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Pierre Buttigieg** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2008 fejn l-unika prova kienet impronta ta' pala ta' l-id, intqal hekk:-

"*Ghalhekk ghalkemm l-akkuzat appellant ma kien obbligat li jipprova xejn u fil-fatt - kif kellu dritt – ma xehedx biex jispjega kif il-pala ta' idejh proprju halliet l-impronta taghha fuq il-bieb ta' barra laterali li gie sgassat, mill-banda l-ohra ma ressaq ebda spjegazzjoni plawsibbli tramite s-sottomissjonijiet tad-difensuri tieghu biex tikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-probabbli li dik il-marka saret minnu innocentement fuq bieb li ma kellux jintuza minnu. Fil-kors normali tal-hajja n-nies ma joqoghdux icappsu idejhom ma' bibien tan-nies, specjalment bibien li ma jintuzawx. ... Ghalhekk ma kien hemm ebda raguni plawsibbli u probabbli taht il-kappa tax-xemx ghala l-marka tal-pala ta' idu kellha tinstab fuq il-bieb in kwistjoni.*"[58]

Kuntrarjament ghal dak sottomess mill-imputat, il-Qorti ma tqisx li l-impront digitali jista' jigi mwarrab bhala parti mill-kumpless ta' evidenza cirkostanzjali li torbot lill-imputat mas-serqa, ghax anke kieku stess l-imputat

[58] Ara wkoll Appelli Kriminali Il-Pulizija v. Stephen Zahra, 30 ta' April 2008; Il-Pulizija v. Josef Sharfid, 23 ta' Mejju 2012.

kien impjegat fil-Freeport fejn kien jinstab dak il-container, il-provi jistabbilixxu li la hu u lanqas haddiehor suppost kellu kuntatt ma' dak il-container, ahseb u ara mal-kontenut tieghu. Lanqas ma huwa probabbli li hu jhalli l-marka tieghu proprju gewwa dak il-container, b'mod legittimu jew b'kumbinazzjoni.

Inoltre, u wkoll kuntrarjament ghal dak li jallega l-imputat, l-impront digitali tieghu fuq wiehed mis-sitt tankijiet li nstabu gol-container li nsteraq, m'huwiex l-unika prova li tezisti in atti li torbot lill-imputat mas-serq tal-container.

Dan qed jinghad b'referenza ghas-siltiet relevanti mix-xhieda ta' Lawrence Farrugia u ta' Stephen Calleja, fuq citati, li minnhom jirrizulta li (i) Lawrence Farrugia gharaf lill-imputat Sergio Agius bhala l-persuna li kienet riekba fit-trakk numru 90 misjuq minn Rocco Agius (li gie akkuzat ukoll in konnessjoni mal-istess serqa mertu tal-Inkjesta Magisterjali[59]), liema trakk huwa l-istess wiehed li ghabba fuqu l-container TEMU2403485, hareg bih mill-Freeport u rega' dahal l-ghada fil-ghodu bl-istess container fuqu; u (ii) Stephen Calleja gharaf lill-imputat bhala l-persuna li kienet qed topera r-reach stacker bin-numru 69 li deher fil-filmat tas-CCTV jghabbi l-container fuq it-trakk[60].

Kif ritenut fid-decizjoni celebri dwar l-identifikazzjoni tal-imputat, **Turnbull**[61] gie ritenut illi meta l-kaz kontra l-imputat jiddependi unikament jew sostanzjalment fuq il-korrettezza ta' identifikazzjoni wahda jew aktar tal-imputat li d-difiza tallega li m'humiex korretti, jehtieg kawtela kbira u ezami akkurat tal-kwalita` tal-evidenza ta' identifikazzjoni u tac-cirkostanzi li fihom ikunu saru dawn l-identifikazzjonijiet, fosthom it-tip ta' vizwali li kellu x-xhud, id-distanza bejnu u l-imputat, jekk kienx jafu jew qattx rah qabel, iz-

59 Ara proces-verbal Dok. Z.
60 Xhieda ta' Stephen Calleja 25 ta' April 2014.
61 (1977) QB 224, citata f'Archbold, 1997, p. 1255-1256.

zmien li ghadda bejn l-osservazzjoni originali u l-identifikazzjoni li saret lill-Pulizija. Kif ritenut:-

"*The visual identification of suspects or defendants by witnesses has long been recognised as problematic and potentially unreliable. It is easy for an honest witness to make a mistaken identification, even in some cases where the suspect is well known to him, and some evidence suggests that a confi dent identifi cation is no more likely to be correct than a cautious or hesitant one.*
*… … …*
*In some cases, a witness may have qualified his identification by admitting that he was 'not quite certain', or was only '90 per cent sure'. A defendant cannot properly be convicted on qualifi ed identification evidence alone (George [2003] Crim LR 282; Brown [2011] EWCA Crim 80). But as with other kinds of weak identification evidence, a qualified identification may have a legitimate role to play alongside other, more reliable, evidence.*"[62]

Applikati dawn il-kunsiderazzjonijiet ghall-kaz odjern, huwa minnu li l-gharfien tal-imputat mix-xiehda fuq imsemmija ma sarx f'termini assoluti u inekwivoci, izda l-Qorti tifhem li ghandha tqis l-gharfien maghmul minn dawn ix-xiehda bil-kejl tal-fatt li l-imputat huwa kollega tax-xoghol taghhom, b'kuntatt mieghu fuq bazi regolari fuq l-istess post tax-xoghol fejn proprju saru l-identifikazzjonijiet in kwistjoni. Il-Qorti ghalhekk, tenut kont ukoll tal-insenjament fuq citat, ftit ghandha rizervi sabiex, fil-kumpless tal-provi l-ohra kollha, taghti certu qies ta' affidabbilita` lill-identifikazzjoni tal-imputat maghmula minn Lawrence Farrugia u minn Stephen Calleja.

Barra minn hekk, il-Qorti trid tqis dan l-gharfien ukoll fid-dawl tal-evidenza tat-telefonati li saru bejn l-imputat u Rocco Agius, li gew osservati dehlin il-Freeport flimkien got-trakk li fuqu tghabba l-container TEMU2403485, liema telefonati saru fil-hin tas-serqa u fiz-zona li fiha tinsab l-istess Freeport. Maghdud dan hemm ukoll il-fatt li skont ma qal l-imputat lill-Ispettur Rennie Stivala u skont kif konfortat mic-certifikat mediku esebit mill-Personnel Officer tal-Freeport John Visonich u mix-xhieda tat-Tabib Dr. Christopher

[62] Ara Blackstone.

Zarb, l-imputat ma kellux jinstab fuq il-post tax-xoghol tieghu ghaliex huwa kellu jkun id-dar bis-sick leave fit-13 ta' Frar 2014. Fuq kollox, izda, hemm il-prova tal-impront digitali tal-imputat fuq wiehed mis-sitt tankijiet li nstabu fil-container misruq, liema impront - fil-qies tal-evidenza cirkostanzjali kollha l-ohra rizultanti mill-atti processwali - ftit ihalli lok hlief ghall-ipotesi tal-involviment tal-istess imputat fis-serq tal-container TEMU2403485.

Ghalhekk, ghalkemm bhala provi indizzjarji l-impront digitali tal-imputat, u l-identifikazzjonijiet maghmula miz-zewg xhieda in kwistjoni, meqjusin separatament ma jwasslux *ut sic* ghal dak il-grad ta' prova rikjest mil-ligi, il-gabra u l-isfond tal-provi kollha u evidenza cirkostanzjali flimkien isawru l-prova univoka li twassal lil din il-Qorti ghall-konvinciment morali li l-imputat kien involut fis-serq tal-container TEMU2403485.

Jifdal ghalhekk li jigi stabbilit jekk l-imputat ha fir-reat parti bizzejjed biex taghmlu komplici fir-reat tas-serq tal-container in kwistjoni, a tenur tal-Artikolu 42 *et seq.* tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Komplicita`</u>**

Illi l-insenjament gurisprudenzali in tema ta' komplicita` huwa pacifiku: il-Professur Sir Anthony Mamo, in materja tal-*concursus delinquentium*, jghallem illi:-

*"A man may be held responsible for an offence, even though he may not have done the act which constitutes that offence, if he had done some other act which has helped towards the commission of the offence and had done the act in pursuance of a common design to commit that offence.*
*…*
*A merely physical participation in the act without a participation in the criminal design cannot be the ground of criminal liability"* [63]

[63] Notes on Criminal Law Vol I pagna 124 u 125.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs *Omissis*, Jason Galea**[64] qalet hekk dwar il-kuncett tal-komplicita`:-

*"Issa l-figura tal-komplici hija ta "dak li ghalkemm ma jippartecipax materjalment fis-serqa ... jaghmel xi haga, bi ftehim maghhom, jigifieri jkun hemm il-ftehim minn qabel maghhom, biex jghinhom jew fil-preparazzjoni tas-serqa, jew fit-twettiq tas-serqa, anke min ikun qieghed jghinhom fit-twettiq tas-serqa per ezempju billi joqghod ghassa barra. .... Jew inkella, dejjem bi ftehim maghhom, jew fil-preparazzjoni jew fit-twettiq tas-serqa, jew jghinhom, pero` dejjem bi ftehim minn qabel maghhom, biex wara s-serqa jaharbu, jew biex ma jinqabdux jew biex jiddisponu mir-refurtiva. L-importanti huwa naturalment li jkun hemm il-ftehim minn qabel". Ma huwiex ghalhekk necessarju illi l-komplici jkun prezenti fuq ix-xena tad-delitt basta li jkun offra dik l-ghajnuna bi ftehim minn qabel."*[65]

Illi dwar il-prova necessarja biex tirrizulta imputazzjoni ta' komplicita` f'reat imwettaq minn persuna ohra, il-prosekuzzjoni trid ghalhekk iggib prova sodisfacjenti li l-imputat (i) kien jaf li l-awtur kien ser iwettaq id-delitt u (ii) li hu deliberatament ghenu biex hekk iwettaq id-delitt billi ghamel xi haga li tinkwadra f'wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali. Is-semplici fatt li l-imputat mar mal-awtur, u anke kien fuq il-post waqt li dan tal-ahhar wettaq id-delitt in kwistjoni, ma jfissirx necessarjament li hu kien jaf x'kellu f'mohhu l-awtur.

Applikati dawn il-principji ghal kaz in ezami, il-Qorti hija tal-fehma li l-involviment tal-imputat fis-serq tal-container kien wiehed <u>materjali</u> billi kien prezenti fil-hin u fuq il-post tas-serq u evidentement assista xjentement fl-atti li bihom is-serq gie mwettaq.

Jirrizulta wkoll li dan l-involviment tieghu kien parti minn *a common design* miftiehem, talanqas, mas-sewwieq tat-trakk li kien riekeb fih, liema sewwieq kien l-istess persuna li l-imputat cempel darbtejn waqt il-hin tal-kommissjoni

---

[64] Deciza 31 ta' Mejju 2017.

[65] Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali 29 ta' Settembru 2004.

tad-delitt. Il-Qorti tislet din il-konkluzjoni minn diversi cirkostanzi, fosthom il-fatt li ghalkemm kien impjegat tal-Freeport, l-imputat ha jumejn sick leave mix-xoghol, inkluz it-13 ta' Frar 2014. Fil-fehma tal-Qorti ghalkemm l-assenza tal-imputat minn fuq il-post tax-xoghol fil-gurnata li twettaq is-serq saret deliberatament sabiex tiffacilita l-movimenti tieghu madwar il-Freeport, din l-assenza sservi wkoll biex ixxejjen kull spjegazzjoni legittima ghall-fatt li l-imputat xorta wahda gie identifikat (i) mit-telefonati li ghamel kif ukoll personalment, fiz-zona tal-Freeport dakinhar, kif ukoll (ii) diehel fl-istess zona fit-trakk numru 90. Kif stabbilit, dan it-trakk huwa l-istess wiehed li gie identifikat li fuqu tghabba l-container misruq u hareg bih minn gol-Freeport minghajr ma gie mwaqqaf.

Barra minn hekk, il-Qorti tqis li z-zewg telefonati minn goz-zona tal-Freeport bejn l-istess imputat u l-istess Rocco Agius proprju fil-hin meta kien qed jitwettaq is-serq tal-container, inkluz fil-hin li l-imputat gie identifikat jopera r-reach stacker li ghabba l-container fuq l-istess trakk, juru li l-imputat mhux biss kien materjalment involut fis-serq izda kien jaf ukoll li kien qed jghin biex titwettaq l-istess delitt. Din il-konkluzjoni hija konfortata mill-osservazzjoni bazika li l-imputat, bhala operator gewwa l-Freeport, messu kien jaf ben tajjeb li l-container in kwistjoni kien qieghed mizmum gol-Freeport u ma setax jiccaqlaq ahseb u ara jinhareg mill-Freeport, minghajr awtorizzazzjoni.

Dawn ic-cirkostanzi kollha fil-kumpless taghhom ma jhallu ebda dubju f'mohh il-Qorti li l-imputat ippartecipa materjalment f'atti li ghenu sostanzjalment ghall-kommissjoni tad-delitt ta' serq tal-container TEMU2403485, kif ukoll li f'dawn l-atti huwa agixxa xjentement u deliberatament.

Ghaldaqstant, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' komplicita` fir-reat ta' serq tal-container TEMU2403485 kif addebitat fl-ewwel u t-tieni imputazzjoni, izda mhux hati tal-addebitu li l-container misruq kien mimli bis-sigaretti.

**Aggravji tas-Serq**

Jirrizulta wkoll ippruvat li l-komplicita` tal-imputat fis-serq tal-container in kwistjoni, hija aggravata bil-persuna[66] (is-serq sar mill-imputat bhala impjegat tal-Freeport, mill-post tal-impieg tieghu), bil-valur li jaqbez is-somma ta' €232.93[67] (gie ppruvat li l-valur tal-container huwa ta' $2,462.50, li huwa ekwivalenti ghal cirka €2,150) kif ukoll bil-lok[68] (il-container kien jinsab depozitat gewwa l-Freeport, li huwa lok ta' depozitu).

Hawnhekk il-Qorti tosserva li ma tistax tinsab htija fl-imputat ghas-serq aggravat bil-valur skont kif kontemplat fl-Artikolu 279(b) kif indikat mill-Avukat Generali izda ghal serq aggravat bil-valur skont l-Artikolu 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**IT-TIELET U R-RABA` IMPUTAZZJONI**

Billi kif inghad, ma giex ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi biex tinstab htija f'proceduri kriminali, x'kien fih il-container TEMU2403485 meta dan insteraq fit-13 ta' Frar 2014 u fi kwalsiasi kaz m'hemm ebda prova sodisfacjenti li l-istess container kien fih 450 kaxxi tas-sigaretti tad-ditta Empire Royals, il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat lanqas jista' jinstab hati li warrab, garr jew heba 450 kaxxi ta' sigaretti bla dazju, bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta' Malta minn dazji u taxxi li jkun imisshom jithallsu fuq l-imsemmi kontenut, kif addebitat fit-tielet u r-raba' imputazzjoni.

---

[66] Artikolu 268(d) tal-Kap. 9.

[67] Artikolu 267 tal-Kap. 9.

[68] Artikolu 269(d) tal-Kap. 9.

Tqis ukoll li l-valutazzjoni tas-sigaretti fil-kwantita` allegata, u konsegwentement il-valutazzjoni tad-dazju u sisa kif ukoll taxxa fuq il-valur mizjud li suppost thallsu fuq l-istess sigaretti allegatament misruqa, kif indikata fil-*letters to prosecute* u fix-xhieda ta' Mark Borg u Mario Abela u d-dokumenti minnhom esebiti rispettivament (Dok. MG u Dok MB[69]) m'humiex l-ahjar prova la tal-kontenut tal-container li allegatament insteraq, u lanqas tal-valur ta' din l-allegata konsenja. Dan ghaliex ma jirrizultax mid-depozizzjoni tal-imsemmija xhieda Mario Abela u Mark Borg, li huma ghamlu din il-valutazzjoni abbazi ta' spezzjoni li sar minnhom jew ta' xi spezzjoni ohra li seta' sar tal-kontenut tal-container meta dan infetah kif wasal Malta. It-testimonjanza, kif ukoll l-involviment ta' dawn iz-zewg xhieda kjarament kien limitat ghall-valuations li gew mitluba jaghmlu, u xejn iktar. Li saret spezzjoni fuq il-container TEMU2403485 jirrizulta biss mit-testimonjanza tal-ufficjal prosekutur li madanakollu, jghid li din saret mill-ufficjali tad-Dwana u mhux mill-Pulizija[70] u jistqarr li huwa ma kienx prezenti f'din it-tfittxija tal-kontenut tal-container. Effettivament, kif diga` stabbilit, f'din il-kawza ma ddepona ebda ufficjal mid-Dwana li kien prezenti jew inkarigat bit-tfittxija tal-container TEMU2403485, biex jixhed dwar ir-rizultanzi ta' din l-allegata spezzjoni, is-sigillar tal-container, il-htiega li jinzamm gewwa l-Freeport u l-investigazzjonijiet li kienu ghaddejjin dwaru.

Jirrizulta wkoll li ghalkemm il-valuations esebiti a fol. 208 u 211 jidher li nhadmu fuq informazzjoni kontenuta fil-file 70/14/21 intestat "*Unauthorised Exit from Freeport*" fejn hemm ukoll referenza ghall-container TEMU2403485, il-kontenut ta' dan il-file baqa' ma giex zvelat. Fil-fatt, il-valutazzjoni f'Dok. MG hija datata 27 ta' Frar 2014 – ferm wara li nsteraq il-container - u d-dokument innifsu ma jaghmel ebda referenza ghad-data li fiha

[69] Fol. 208 u 211 rispettivament.

[70] Kontro-ezami Spettur R. Stivala, 2 ta' Frar 2016.

suppost saret l-ispezzjoni tal-kontenut tal-container li abbazi tieghu saret din l-istess valuation.

Kjarament, hemm holqa importanti nieqsa fil-katina ta' evidenza li trid twassal biex l-imputat jinsab hati tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet. Il-Qorti tistenna li biex l-imputat jinsab hati li warrab l-allegata konsenja ta' sigaretti biex jiffroda l-Gvern mill-hlas tad-dazju, sisa u taxxi fuqha, il-prosekuzzjoni kellha tressaq prova inkonfutabbli tal-kontenut tal-konsenja li dwarha allegatament ma thallsux it-taxxi dovuti, kif ukoll prova li l-valutazzjoni tad-dazju u taxxi tkun saret abbazi tar-records formali tal-ispezzjoni ta' dik il-konsenja, u fuq kollox prova sodisfacjenti dwar tali spezzjoni u r-rizultanzi taghha. Per ezempju, kienet tistenna, talanqas, li in sostenn ta' dawn l-addebiti fit-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, il-file 70/14/21 indikat fuq id-dokumenti esebiti mill-ufficjali tad-Dwana, jigi esebit formalment minn ufficjal involut.

Huwa manifest li ma tressqitx l-ahjar prova in sostenn ta' dawn l-addebiti: il-provi li effettivament tressqu huma, fil-fehma tal-Qorti, neqsin mill-piz probatorju mehtieg ghall-fini ta' sejbien ta' htija ghal reat kriminali, inkluz ghalhekk ir-reati kontemplati mid-dispozizzjonijiet citati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-13 ta' April 2015[71] il-Kapitolu 37, il-Kapitolu 382 u l-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Konformament, fuq nuqqas ta' provi, il-Qorti ma ghandhiex ghazla hlief li tillibera lill-imputat minn kull htija ghal dawn l-akkuzi.

## PIENA

[71] Fol. 273.

Fir-rigward tal-piena li ghandha tigi erogata ghall-komplicita` tal-imputat fis-serq tal-container TEMU2403485, il-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom is-serjeta` tar-reat kommess mill-imputat bil-kwalifiki tas-serq li taghhom qed jinstab hati u l-fatt li ghalkemm huwa kien komplici fid-delitt huwa manifest li ppartecipa b'sehem materjali. Hadet qies ukoll tal-fedina penali tieghu li ghalkemm m'hijiex netta, ma hijiex wahda oneruza; il-fatt illi l-imputat mhux qed jinstab hati tal-akkuza tas-serq tal-container TEMU2403485 mimli sigaretti, izda biss tas-serq tal-container *per se*, kif ukoll il-fatt li l-container gie konsenjat lura lill-Freeport l-ghada tas-serq, liema fatturi sejrin ukoll jittiehdu in konsiderazzjoni fl-ghoti tal-istess piena.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-Artikoli 20, 42, 43, 44, 45, 46, 261(c)(d)(e), 267, 268(d), 269(d), 279(a) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ma ssibx lill-imputat SERGIO AGIUS hati tat-tielet u r-raba' imputazzjoni u tilliberah minnhom, issib lill-istess imputat SERGIO AGIUS hati tal-ewwel u t-tieni akkuza miguba kontrih, limitatament in kwantu ghall-ewwel akkuza, li f'Birzebbuga, bejn it-13 u l-14 ta' Frar 2014 irrenda lilu nnifsu komplici tad-delitt tas-serq tal-container TEMU 2403485 liema serq in kwantu ghall-imputat huwa kkwalifikat bil-lok, il-persuna u l-valur, tieghu, u tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ta' sittax (16)-il xahar izda, peress illi fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz jissussistu ragunijiet validi biex it-terminu ta' prigunerija jigi sospiz bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat SERGIO AGIUS illi jhallas ukoll is-somma komplessiva ta' sitt mija u disgha u disghin Euro u hamsa u sebghin centezmu (€699.75)[72] lir-Registratur tal-Qorti, rapprezentanti l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti f'dawn il-proceduri cioe` Dr. Leontine Calleja u Nathalie Zahra, u nofs l-ispejjez tal-esperti Dr. Martin Bajada u PS Joseph Caruana u PS Paul Camilleri mahturin fl-istadju tal-proces-verbal tal-inkjesta.

**Dr. Rachel Montebello B.A. LL.D.**
**MAGISTRAT**

[72] Dr. Leontine Calleja (Dok. LC - €17.65); Nathalie Zahra (Dok. NZ - €411.58); Dr. Martin Bajada (Dok. MB - €121.16) u PS239 Joseph Caruana u PS404 Paul Camilleri (Dok. FSL - €419.87).